MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 196/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**James Delmar**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra James Delmar talli:

(1) f'dawn il-Gzejjer nhar-it 13 ta' Awissu 2008 bla ordni skond il-ligi u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil martu Charlene Delmar kontra l-volonta` taghha sabiex taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha, dan bi ksur ta' l-artikoli 86 u 87(1)(c)(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel attentat vjolenti ghall-pudur ta' martu Charlene Delmar, dan bi ksur ta' l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-istess jum, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Charlene Delmar tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra imsemmija fl-Artikolu 222(1) meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se jikkaguna lil martu hekk tibza', dan bi ksur ta' l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess jum, lok u cirkostanzi ta fastidju lil martu Charlene Delmar;

(5) fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq martu Charlene Delmar, dan bi ksur ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(6) fl-istess jum, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' martu Charlene Delmar, weggaghha b'gesti u bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat jew inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor, dan bi ksur ta' l-artikolu 253(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(7) fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel lil martu Charlene Delmar ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici, jew jekk ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni, dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(8) fl-istess jum, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' April 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi James Delmar mhux hati u lliberatu minn kull piena u htija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-18 ta' April 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-helsien ta' l-appellat mill-hames u t-tmien imputazzjonijiet migjuba kontrih filwaqt li thassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok, wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz, issib lill-appellat hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena adegwata skond il-ligi;

**4.** Rat ir-risposta ta' l-appellat ipprezentata fis-17 ta' Ottubru 2011;

**5.** Rat l-eccezzjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 fis-sens illi t-tmien imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellat huma nulli ghaliex imkien fihom ma hemm indikat la l-lok, la l-hin u lanqas il-post preciz fejn allegatament sehhew, u dan bi ksur tal-ligi;

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**7.** Kwantu ghall-eccezzjoni sollevata mid-difiza, ikollu jinghad illi din l-eccezzjoni semmai kellha titqajjem quddiem l-ewwel Qorti u mhux f'dan l-istadju wara li deher ghall-process kollu quddiem l-ewwel Qorti debitament assistit. Fi kwalunkwe kaz anke mill-aspett legali l-appellat m'ghandux ragun. Fil-fatt huwa rilevanti f'dar-rigward is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."**

**8.** Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti

(diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*)."**

**9.** U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

**"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita` u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u**

**cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."**

**10.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."**

**11.** Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx imsemmijin il-lok, il-hin u l-post preciz fejn sehhew l-allegati reati. Ic-citazzjoni, pero`, tirreferi ghal "dawn il-Gzejjer nhar-it 13 ta' Awissu 2008", u kemm l-interrogazzjoni kif ukoll il-provi jirrigwardaw dak li allegatament sehh dakinhar fil-garaxx anness mar-residenza ta' mart l-appellat. Jigifieri l-appellat kien jaf fuqhiex gie mharrek, ir-reati li bihom gie akkuzat kienu cari u kellu kull opportunita` ghalhekk jiddefendi ruhu dwarhom. Konsegwentement l-eccezzjoni sollevata mill-appellat hi michuda.

**12.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi in

kwantu jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet.

**13.** Skond l-appellant, l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat fuq il-principju *in dubio pro reo* nonostante li kienet iddikjarat illi ma kinitx bihsiebha temmen il-verzjoni tal-kwerelanti u ommha u ghax strahet fuq in-nuqqas ta' inkonsistenzi fix-xiehda ta' l-istess appellat. Fl-istess hin, pero`, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti naqset milli tistabilixxi jekk kienx hemm inkonsistenzi fix-xiehda tal-kwerelanti. L-appellant isostni li bejn ir-rapport tal-kwerelanti u x-xiehda taghha m'hemmx inkonsistenzi. B'referenza ghall-imputazzjonijiet kif migjuba, dawn ma jigux ifformulati mill-kwerelanti u kwindi jekk hemm minnhom li ma rrizultaw f'ebda stadju, dan m'ghandux jippregudika l-kredibilita` taghha. Ghalhekk, ikompli jghid l-appellant, *"kien ikun opportun li x-xiehda ta' entrambe l-partijiet tittiehed in konsiderazzjoni u fid-dawl ta' fatturi ohra l-ewwel Qorti kellha tqis min mnnhom x'aktarx kien qed jghid il-verita` u galadarba dan isehh jigi stabbilit jekk hemmx prova tal-element tar-reati addebitati kontra l-akkuzat."* Jaghti bhala ezempju l-fatt li fejn ma kienx jirrizulta agir dispreggattiv ta' l-appellat fil-gurnata in kwistjoni hi kkonfermat li dan ma sehhx. L-appellant jirreferi wkoll ghax-xiehda ta' omm il-kwerelanti li kkorroborat l-ewwel parti ta' l-incident fejn sehhet tilwima verbali bejn l-appellat u martu koncernanti kwistjoni ta' flus.

**14.** L-appellant jghid li mill-banda l-ohra l-appellat fl-istqarrija tieghu u fix-xiehda tieghu jichad kollox. Izda huwa interessanti illi hu jinsisti li omm martu ma kinitx fil-garaxx f'ebda hin u cahad li kellu argument dakinhar – punti kontradetti miz-zewg xhieda l-ohra. U ghalkemm allega li l-Ispettur Joseph Agius heddu li jekk ma jiffirmax l-istqarrija jintefa l-habs. Huwa xorta ma ffirmax l-istqarrija u ma ddahhalx il-habs. Dawn il-punti jqajmu dubji serji, skond l-appellant, dwar il-kredibilita` ta' l-appellat.

**15.** Tajjeb hawn li ssir referenza ghas-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Wara li l-ewwel Qorti rreferiet kemm ghax-xiehda tal-kwerelanti kif ukoll ghax-xiehda ta' omm il-kwerelanti minn naha u min-naha l-ohra c-cahdiet ta' l-

appellat, hija qalet testwalment hekk: *"Illi rinfaccjata b'zewg versjonijiet kontrastanti l-Qorti mhix propensa li taghti izjed affidament u kredibilita` lill-versjoni tal-kwerelanta jew ta' ommha kif sottomess mill-prosekuzzjoni. Fil-verita` tosserva li hemm akkuzi li ma gewx sostanzjati, per ezempju dik tal-feriti hfief jew dik tal-ksur tal-paci pubblika; ukoll fil-konfront tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni li huma newtralizzati mix-xiehda tal-istess kwerelanta. Frankament, dina l-Qorti fic-cirkostanzi hi tal-fehma li mhux biss ma taghtix aktar kredibilita` lix-xiehda tal-kwerelanta jew ommha izda l-anqas qeghdha tara xi inkonsistenzi min-naha tal-imputat kif issostni l-prosekuzzjoni."*

**16.** Minn dan huwa evidenti illi l-ewwel Qorti kkunsidrat kemm ix-xiehda tal-kwerelanti u dik ta' ommha kif ukoll dik ta' l-appellat. Huwa car li fid-dawl tal-verzjonijiet kontrastanti moghtija, hija ma qisitx verzjoni bhala aktar verosimili mill-ohra. Kwantu ghax-xiehda li tat Carmen Aquilina, omm il-kwerelanti, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti osservat li x-xiehda taghha ftit tefghet dawl fuq dak li ssuccieda dakinhar, u dan proprju ghax jekk kienet prezenti dan kien biss ghal ftit minuti meta kien ghadu kemm wasal l-appellat biex jara lil bintu. Dwar l-allegati reati li bihom gie akkuzat l-appellat, effettivament hija ma kienet prezenti fl-ebda hin.

**17.** Issa, f'kaz ta' apprezzament mill-gdid tal-provi, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti hlief ghal ragunijiet serji li jinducu lil din il-Qorti tkun tal-fehma li jekk ma tigix disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi tkun ser issir amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

**18.** Din il-Qorti ezaminat il-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti u taqbel illi, anke kieku wiehed kellu jiehu in konsiderazzjoni x-xiehda tal-kwerelanti biss, hemm numru ta' reati li dwarhom ma jirrizulta xejn. Ta' min jghid ukoll illi mill-fedina penali aggornata ta' l-appellat jirrizulta, almenu *prima facie*, li stranament ittiehdu proceduri separati kontra l-appellat dwar dak li jidher li hu l-istess incident fejn gie akkuzat li fit-13 ta' Awissu 2008 ghall-habta ta' l-4.00 p.m. f'Had-Dingli waqt li kien fir-residenza ta' l-ex mara tieghu Charlene Delmar heddidha bil-kliem, u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Dwar din l-imputazzjoni nstab hati, inghata *conditional discharge* ghal tliet xhur, appella minn dik is-sentenza izda fil-25 ta' Novembru 2009 l-appell tieghu gie dikjarat dezert. Ciononostante l-akkuza odjerna tinkludi wkoll imputazzjoni ghal ksur ta' l-istess artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 (l-imputrazzjoni numru 7). Stranament ukoll saret kwerela sabiex jittiehdu passi kontra l-appellat ghal allegat ksur ta' l-artikolu 251A tal-Kap. 9 (ara kwerela a fol. 6), u minflok l-ewwel tinhareg akkuza li tinkludi diversi imputazzjonijiet fosthom dik ta' stupru, imbaghad din giet sostitwita b'akkuza fejn l-imputazzjoni ta' stupru giet sostitwita b'dik ta' attentat vjolenti ghall-pudur u zdiedet ukoll imputazzjoni ta' ksur tal-paci pubblika b'ghajjat u glied (l-imputazzjoni numru 8).

**19.** Issa, dan huwa kaz fejn l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda. Kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, inkluz ta' l-appellat, u tiehu konjizzjoni "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda", kif ukoll "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9). Dik il-Qorti, wara li ghamlet dan l-ezercizzju, u fid-dawl tal-konflitt ta' provi li kien hemm, dehrilha li kellha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellat. Din il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet, u wara li ezaminat akkuratament il-process kollu, ma jidhrilhiex li hemm ragunijiet serji u sufficjenti li jistghu jwassluha tiddisturba l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti.

**20.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------